MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1237/2002/1

**The General Soft Drinks Company Limited**
**vs**

**Mario Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hdax-il lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm211.96) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta` attrici fil-"Good Intent" Snack Bar;**

**Bl-imghaxijiet minn Ottubru 2000, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Thompson ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hdax-il lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm211.96) bl-imghax legali mit-30 ta' Ottubru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill- konvenut skond il-Ligi.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**